# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/13, it-Tnejn 18 ta' Mejju 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 13 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn 18 ta' Meju 2020 fil-5 u nofs ta' filgħaxija. Minħabba il-miżuri ta' saħħa pubblika intenzjonati sabiex jitwaqqaf it-tixrib tal-virus COVID-19 li kienu in vigore matul dawn iż-żminijiet fil-pajiż kollu, din il-laqgħa saret b' mod elettroniku permezz tas-sistema Microsoft© Teams fejn il-parteċipanti baqgħu f' darhom sabiex iħarsu il-miżuri meħtieġa.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

| | |
|---|---|
| Wistin Vella | Viċi Sindku |

**ASSENTI**

Hadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:37pm.
ii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*13.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*13.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*13.4 Korrispondenza*

*13.5 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*13.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*13.7 Awditjar u Aġġustamenti tal-Estimi Finanzjarji tas-sena 2019;*

*13.8 Sejħiet għall-offerti*

*13.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

**13.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

13.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva notifika mingħand Wistin Vella ma kien possibli li jingħaqad għal din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel i jaċċetta din l-apoloġija u għalhekk is-Sur Vella ser jitpoġġa bħala Assenti b' Apoloġija għal din il-laqgħa.

**13.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

13.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

13.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew ippreparati biex ikunu iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-Sindku informa li kien irċieva rapport li ntrema materjal tal-kostruzzjoni fil-wied ta' Binġemma. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv bgħat korrispondenza lill-kumpanija tat-trakk li deher jarmi, l-iskart tneħħa fi' żmien 24 siegħa.

13.3.2 Is-Sindku ta rendikont fuq l-attivita' tal-għoti tad-demm li saret fis-26 ta' April u li għaliha kien hemm rispons tajjeb ħafna tanti li kien hemm 46 donatur u anke iċ-ċentru tat-trasfużjoni tad-demm irringrazzja lill-Imġarrin li kienu tant ġenerużi.

13.3.3 F' Misraħ is-Sebbieħ ukoll intremma ammont ta' skart u materjal li ġie imnaddaf.

13.3.4 Bejn it-8 u d-9 ta' Mejju waqgħu xi blat fuq iċ-Ċikken il-Ġnejna. Sar rapport immedjat lid-Direttorat tal-Protezzjoni Ċivili u lill-Puliżija u qed isir studju fuq jekk għandu isir xi intervent.

13.3.5 Is-Sindku informa li kien sar aċċident bil-van tal-Kunsill li kien misjuq mill-handyman tal-Kunsill, fi Triq Sir Harry Luke. Sakemm il-van qed jiġi rranġat, kellu jinkera vann ieħor biex ix-xogħol tal-Kunsill jibqa' għaddej.

13.3.6 Sar proġett ta' refreshing tal-linji tal-parkeġġ fil-Ġnejna peress li ħafna minnhom kien tħassru.

13.3.7 Ġie installat clothes-bank ieħor ħdejn it-tnejn l-oħra fil-Housing Estate peress li t-tnejn kienu qed jintlew malajr wisq.

13.3.8 Saret kommemorazzjoni qasira f' ġieħ il-vittmi tat-Tieni Gwerra Dinjija fil-VE-Day u sar ornament bil-fjuri quddiem il-monument tal-Gwerra mal-faċċata tal-binja tal-Kunsill.

13.3.9 Is-Sindku ta informazzjoni dwar il-proġett tan-New Water li għaddej mill-Imġarr u spjega kif kien issuġġerixxa lill-WSC biex jgħaddu minn trejqiet differenti biex ikun hemm inqas problemi għar-residenti u l-bdiewa.

13.3.10 Is-Sindku informa li kien għaddej xogħol fuq il-ġiebja tal-proġett tal-mixtla f' Tal-Facciol. Dan kien xogħol li kellu jsir immedjatament minħabba l-istruttura tat-tħaffir u tal-ġiebja infisha.

## 13.4 Korrispondenza

13.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

Clayton Gauci daħal fil-laqgħa fis-18:08.

13.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport bl-isem ta' Local Council Performance Report 2019 dwar l-iskart u l-indafa pubblika. Minn dan l-istudju joħroġu dawn il-figuri meta mqabblin mal-medja nazzjonali:

| Tip ta' Skart | Medja Nazzjonali | Medja tal-Imġarr |
|---|---|---|
| • Borża Sewda | 143kg/residenza | 151kg/residenza |
| • Riċiklabbli | 46.27% tal-iskart iġġenerat | 46.07% tal-iskart iġġenerat |
| • Toroq u Ambjent | Score ta' 23 | Score ta' 11 |
| • Rimi Illegali | Score ta' 4 | Score ta' 4 |
| • Manutenzjoni tat-toroq | Score ta' 10 | Score ta' 5 |

Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u ra kif jista' jagħmel biex ittejjeb is-sitwazzjoni, speċjalment fejn tidħol il-borża is-sewda.

## 13.5 Temi oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

13.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li l-Kunsill ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' book-binding tal-Minuti tal-Laqgħat tal-Kunsill, kien irċieva kwotazzjoni waħda, jiġifieri dik ta' Orion Book-Binders Ltd. Is-Segretarju Eżekuttiv stħarreġ din il-kwotazzjoni u kkonferma li kienet favorevoli ħafna. Barra minn hekk ix-xogħol ta' din il-kumpanija kien jidher serju u magħmlu b' sengħa u galbu. Il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' din il-kwotazzjoni u jagħti dan ix-xogħol lil Orion Book-Binders Ltd.

13.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq risoluzzjoni li kella tiġi approvata biex il-Kunsill ikun jista' japplika għall-Online Banking System tal-Bank of Valletta. Din ir-riżoluzzjoni kienet taqra hekk :

RESOLUTION FOR ONLINE BANKING SERVICES FROM BANK OF VALLETTA

The following is an extract of the minutes of a meeting held on Monday 18 May 2020:

The meeting was informed that the Local Council was considering whether to operate its bank accounts with Bank of Valletta p.l.c. (hereinafter the "Bank") and whether to otherwise deal with the Bank via the Bank's alternative delivery channels that may currently be accessed through internet, fixed line telephony and mobile telephony.

At the meeting there were tabled a copy of the Important Information and Terms and Conditions of Use of the said delivery channels.

It was resolved to approve all the said documents which were duly approved by the Local Council in their form and content.

It was further resolved:

(1) to apply to operate all bank accounts with the Bank and to otherwise deal with the Bank via the Bank's alternative delivery channels that may currently be accessed through internet, fixed line telephony and mobile telephony;

(2) that the said Mr CYPRIAN DALLI holder of ID Number xxxxxxM[1] be duly appointed system administrator with the power to appoint the following users;

- Ms NATASHA CASSAR, holder of ID Number xxxxxxM ;
- Ms DORIANNE MIFSUD, holder of ID Number xxxxxxM ;

(3) that the powers and authorities granted by the Local Council to the said Mr. CYPRIAN DALLI as system administrator shall be unlimited save in so far as any limitation applies to the Local Council itself; and are and shall remain continuing and binding on the Local Council until such date as the Local Council shall have notified and the Bank received due notification of their amendment or revocation;

(4) that any changes to the persons appointed as system administrator or other users shall have no effect until such date as the Local Council shall have notified and the Bank received due notification of such changes;

(5) that this resolution shall not in any way effect any instructions of the Local Council given to the Bank regarding the operation and management of the Local Council's affairs other than via the Bank's alternative delivery channels and that such other instructions shall remain continuing and binding on the Local Council until such date as the Partnership shall have notified and the Bank received specific notification of their amendment or revocation.

A true and faithful extract taken from the minute book of the Local Council on the 18 May 2020.

Il-Kunsill approva unanimament din ir-riżoluzzjoni.

13.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq riżoluzzjoni oħra sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika biex ikollu Electronic Point Of Sales (EPOS) tal-Bank of Valletta. Ir-riżoluzzjoni kienet taqra hekk:

**Board Resolution Of the MĠARR LOCAL COUNCIL**
**for Signing a Merchant Agreement with Bank Of Valletta Plc**.

The following is an extract of the minutes of the Board of Directors of the Company held online on Microsoft Teams due to the current regulations for mitigation of the COVID-19 spread, and usually held at 22, Triq Sir Harry Luke, Mġarr on 18 May 2020. The meeting was informed that the Company intends to apply for Card Acceptance facility/ies with Bank of Valletta p.l.c. (hereinafter the "Bank").

At the meeting there was tabled a copy of the Merchant Agreement which regulates the provision of the said Card Acceptance facility/ies. It was resolved to approve the said documents which was duly approved by the Board in its form and content.

It was resolved that:

1. to apply for the provision of the Card Acceptance facility/ies by the Bank to the Company.
2. that the following person/s be duly authorised and empowered to represent the Company and to sign and execute any one or more Merchant Agreement/s well as any other document that may be necessary in this respect and to bind the Company thereby:Mr PAUL VELLA (Mayor) ID No xxxxxxM Mr CYPRIAN DALLI (Executive Secretary) ID No xxxxxxM
3. that the powers and authorities granted by the Company hereby to the said persons/s shall be unlimited save in so far as any limitation applies to the Company; and are and shall remain continuing and binding on the Company until such date as the Company shall have notified and the Bank received due notification of their amendment or revocation

[1] In-numri tal-identita' tal-persuni qegħdin jitneħħew biex tiġi protteta id-data personali tal-persuni konċernati.

4. this Resolution shall not in any way effect any instructions of the Company given to the Bank regarding the operation and management of the Company's affairs other than the Merchant Agreement and that such other instructions shall remain continuing and binding on the Company until such date as the Company shall have notified and the Bank received specific notification of their amendment or revocation.

Il-Kunsill approva unanimament din ir-riżoluzzjoni.

13.5.4 Il-Kunsilliera Tiziana Borg Busuttil ressqet proposta sabiex issir tip ta' kompetizzjonita' tpinġija u crafts kif ukoll attivita' b' karattri sabiex ifferħu lit-tfal waqt iż-żmien tal-COVID-19. Il-Kunsill iddiskuta u qabel fil-prinċipju dwar dan.

13.5.5 Il-Kunsillier Clayton Gauci ressaq proposta biex il-Kunsill jibda' jistudja il-possibilita' li jkun hemm talbiet mis-sidien tal-istabbilimenti tal-ikel u x-xorb biex jagħmlu użu minn art privata biex jarmaw barra minħabba ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Il-Kunsill qabel li jibda' jara dwar din l-eventwalita'.

## 13.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

13.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iSkeda tal-Pagament numru 5/2020 li kienet tammonta għal €50,735.32.

13.6.2 Din l-iskeda ġie approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet ippreparata biex tiġi ffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 13.7 Awditjar u Aġġustamenti tal-Estimi Finanzjarji tas-sena 2019

13.7.1 Is-Segretarju Eżekkutiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-Estimi Finanzjarji tas-sena 2019 wara l-Awditjar u l-Aġġustamenti proposti.

13.7.2 Il-Kunsill ra l-aġġustamenti kif ukoll l-estimi rranġati, u wara li studjahom fir-reqqa, approvahom b' mod unanimu.

## 13.8 Sejħiet għall-offerti

13.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien hemm bżonn li jinħarġu żewġ sejħiet għall-offerti bl-E-Tendering, jiġifieri għas-servizzi ta' sinjali u tabelli tat-toroq kif ukoll għas-servizzi ta' Contracts Manager. Il-Kunsill approva unanimament li dawn iż-żewġ sejħiet joħorġu.

13.8.2 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibilita' li jara li jkollu servizz ta' sapport u manutenzjoni tas-sistemi tal-IT li kull ma jmur qed isir aktar servizz kritiku għall-operat tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel b' mod unanimu li dan għandu jsir.

## 13.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

13.9.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għal nhar it-Tnejn, 15 ta' Ġunju 2020, fl-4:30pm. Jekk is-sitwazzjoni tal-miżuri tas-saħħa pubblika jibqgħu fis-seħħ, din il-laqgħa terġa ssir b' mod elettroniku.

13.9.2 Il-laqgħa ntemmet fis-7:34pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Vella** | **Cyprian Dalli** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |